INVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK
FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013

# Il-ħajja ta' persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna

## VERŻJONI FAĊLI BIEX TAQRA



KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIŻABILITÀ

www.knpd.org

# Il-ħajja ta' persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna

Verżjoni Faċli biex taqra

KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIżABILITÀ

www.knpd.org



## Introduzzjoni

Bejn Marzu u Ġunju 2012 sar studju biex in-nies jitgħallmu kif tkun il-ħajja ta' persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna.

Dan l-istudju huwa parti minn proġett li permezz tiegħu ser ikun hemm taħriġ għall-ħaddiema li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna.



Imġiba diffiċli ħafna tfisser li, il-persuna b'diżabilità ma tistax tikkontrolla l-imġiba tagħha stess minħabba xi kundizzjoni. Il-persuna b'diżabilità li għandha mġiba diffiċli ħafna jista' jkun li tweġġa' lilha nnifisha jew lil persuni oħra li jkunu magħha. F'Malta hawn madwar 1,000 persuna b'diżabilità b'imġiba diffiċli li jirċievu xi servizz.



Ħafna drabi, persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jkunu f'riskju li ma jkollhomx ċans jitgħallmu, jaħdmu u jitħalltu man-nies.

Dan l-istudju ser jgħin sabiex it-taħriġ li ser jingħata lill-ħaddiema jkun kemm jista' jkun jgħodd għalihom.

## Min Ħa Sehem

Għal dan l-istudju ġew intervistati 100 persuna b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna jew il-ġenituri tagħhom, kif ukoll 100 ħaddiem jew ħaddiema li jaħdmu magħhom.



**Informazzjoni dwar il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna li ħadu sehem fl-istudju**

Il-persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli kellhom etajiet differenti, min kien żgħir u min kien kbir. Ħafna miż-żgħar kienu subien jew ġuvintur u ħafna mill-kbar kienu nisa. Ħafna mill-persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli li ġew intervistati, jgħixu f'Malta u ftit f'Għawdex.



Ħafna mill-persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna jgħixu mal-ġenituri tagħhom, filwaqt li ftit jgħixu fi djar apposta għall-persuni b'diżabilità ma' ħaddiema li jgħinuhom f'li jkollhom bżonn. Dawk li jgħixu mal-ġenituri huma żgħar fl-età u dawk li jgħixu fi djar apposta huma kbar fl-età.

F'Għawdex hemm aktar persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna li jgħixu mal-ġenituri tagħhom milli fi djar apposta.



**Kundizzjonijiet u tipi ta' mġiba tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna**

Persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jkollhom xi kundizzjoni oħra. L-iktar kundizzjoni komuni hija l-awtiżmu. Kundizzjonijiet oħra huma:

- nuqqas ta' smigħ
- nuqqas ta' dawl
- *Down Syndrome*
- Epilessija





Ħafna persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna għandhom kundizzjoni waħda. Ftit persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna għandhom aktar minn kundizzjoni waħda.



Mill-istudju ħareġ li hemm tipi differenti ta’ mġiba diffiċli ħafna. Dawn jistgħu jkunu:

- li persuna tweġġa’ lilha nnifisha
- li tkisser l-oġġetti
- li tagħti daqqiet lil persuni oħra
- li toffendi bil-kliem lil persuni oħra



Ħafna mill-persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna jagħmlu tip ta’ mġiba diffiċli waħda. Ftit persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna jagħmlu aktar minn tip ta’ mġiba diffiċli waħda.




**Attivitajiet li jagħmlu persuni b’diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna**

Ftit inqas min-nofs tal-persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna jattendu xi post matul il-ġurnata. Din l-attività tista’ tkun l-iskola jew ċentru ta’ matul il-jum.



Ħafna persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna għandhom bżonn min jgħinhom biex jilbsu, jinħaslu, jieklu, joħorġu u jitkellmu ma' ħaddieħor.



Ftit persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli jilbsu, jinħaslu, jieklu, joħorġu u jitkellmu ma' ħaddieħor mingħajr għajnuna.



**Informazzjoni dwar il-ħaddiema li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna li ħadu sehem fl-istudju**

Ħafna mill-ħaddiema li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli huma nisa. Dan jgħodd kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex. Dawn il-ħaddiema qalu li huma jaħdmu biex jaraw li l-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jkunu kuntenti u jkollhom ambjent komdu fejn jgħixu.







**L-opinjoni tal-ħaddiema dwar x'inhu importanti fix-xogħol tagħhom**

Ħafna mill-ħaddiema jemmnu li huwa importanti ħafna li:

- Jaħdmu ma' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna bil-kalma
- Jgħallmu lill-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna mod ieħor kif jagħmlu l-affarijiet
- Jqattgħu ħafna ħin mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna
- Jaħdmu b'mod differenti mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna skont il-bżonnijiet tagħhom
- Jippjanaw kif ser jaħdmu biex il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jaqdu l-bżonnijiet tagħhom
- Jaraw jekk ikun hemm bidla fl-imġiba tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna



**L-ideat tal-ħaddiema dwar xogħolhom**

Il-ħaddiema li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jagħtu kas ta' kif il-ġenituri jieħdu ħsieb lil uliedhom. Ħafna mill-ħaddiema jemmnu li qed jagħmlu xogħol tajjeb mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Ftit mill-ħaddiema jemmnu li jistgħu jagħmlu xogħolhom aħjar.



**Esperjenza u taħriġ tal-ħaddiema**

Il-ħaddiema jagħmlu korsijiet differenti sabiex ikunu jistgħu jaħdmu ma' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Dawk il-ħaddiema li m'għandhomx taħriġ jemmnu li tgħallmu ħafna mill-esperjenza fix-xogħol. Ħafna mill-ħaddiema li studjaw biex jibdew jaħdmu ma' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna ħadu aktar taħriġ biex jgħinhom fix-xogħol.




**Konklużjoni**

Dan l-istudju sar għall-ġid tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Dawn huma l-aktar riżultati importanti li ħarġu mill-istudju:

- Il-ġenituri tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jibżgħu li persuni oħrajn jgħajru lil uliedhom u anke li n-nies jarawhom bħala nies li mhux kapaċi jitgħallmu.
- Il-ġenituri tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli jemmnu li hemm bżonn li n-nies jitgħallmu fuq l-imġiba diffiċli ħafna sabiex uliedhom ikunu jistgħu jagħmluha aktar man-nies.
- Il-ġenituri qalu li jixtiequ jitgħallmu dwar kif jieħdu ħsieb uliedhom li għandhom imġiba diffiċli.
- Il-ġenituri qalu wkoll li jixtiequ jkollhom il-flus biex iħallsu għal servizzi ta' mistrieħ għax xi kultant iħossuhom għajjenin.
- Kważi l-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna, kollha Għawdxin, jgħixu mal-familja tagħhom. Xi ġenituri minn Għawdex qalu li m'hemmx servizzi li jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom.
- Il-ġenituri tal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna jemmnu li uliedhom ma jistgħux joħorġu għax m'hawnx postijiet adattati għalihom. Minħabba f'hekk, uliedhom ikollhom jibqgħu ġewwa għal ħafna ħin u l-imġiba tagħhom tkompli ssir aktar diffiċli.
- Il-ħaddiema li ġew intervistati jemmnu li għandhom bżonn taħriġ għax xi kultant ma jkunux jafu kif ser iġibu ruħhom mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna.








- Il-ħaddiema jemmnu wkoll li tobba u professjonisti oħra bħal *nurses*, *physiotherapists, occupational therapists* u *speech therapists* għandhom imorru għand il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli meta dawn ikollhom bżonn.
- Il-ħaddiema li ġew intervistati qalu wkoll li huwa importanti li jitgħallmu minn xulxin billi jitkellmu flimkien dwar ix-xogħol tagħhom.

L-istampi ġew meħuda minn *Change Picture Bank*
Għal aktar informazzjoni żur il-websajt
**www.changepeople.co.uk**

**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**
Buġeia Institute, Triq Braille
Santa Venera, SVR1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**

**Facebook: www.facebook.com/knpd.malta**

**Twitter: twitter.com/KNPDmalta**

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu ħilietna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***